

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5167 — EMC/Iomega)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 113/19)

1. Fit-28 ta' April 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li biha l-impriża EMC Corporation (ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika) takkwista fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill kontroll sħiħ ta' l-impriża Iomega Corporation (ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriża msemmija huma:
 - għal EMC: il-fornitura ta' soluzzjonijiet lil kumpaniji għall-ħażna, il-protezzjoni u l-ottimizzazzjoni, ta' kwantitajiet vasti ta' informazzjoni,
 - għal Iomega: il-produzzjoni ta' apparat ta' ħażna elettronika li jinġarr, għal konsumaturi u għal negozji żgħar.
3. Fuq eżaminazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.
4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5167 — EMC/Iomega, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru għall-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.